**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsillier |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sur Chris Falzon | Konsulent tat-Tenders |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 23.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**23.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg infurmana li se jidħol għall-ħabta tas-19:00 minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsillier Johann Borg daħal fis-seduta fis-19:07.

## 23.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 22)

**23.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 22.

**23.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 22 ġew approvati unanimament.

## 23.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**23.03.01** *Xogħlijiet fil-Qajjenza SPI/SCI/4/24*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta ġiet imtellgħa l-kwotazzjoni relatata max-xogħlijiet fil-Qajjenza, liema kwotazzjoni ma kinitx tinkludi x-xogħlijiet relatati mar-railing. Għalhekk l-ispiża finali se tkun qed tammonta għal €199,741. Għal din l-ispiża hemm finanzjament ta' €30,000 mill-iskema SPI/SCI/4/2025.

**23.03.02** *Xogħlijiet fin-naħa ta' San Ġorġ*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġew installati l-belishia lights u ntlabu kwotazzjonijiet minn 4 suppliers għall-bqija tax-xogħol li jrid isir, bħal line markings, zebra crossing, poles, bollards, etċ. Minn 4 suppliers 1 biss jipprovdi dan ix-xogħol komplut, filwaqt li supplier ieħor jagħmel biss road works. Billi l-istima se taqbeż id-direct order, għalissa l-kwotazzjoni se tiġi riveduta għax-xogħlijiet taż-żebgħa u tabelli. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**23.03.03** *Corporate courtesy 2025*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-corporate courtesy, li jitqassmu fl-aħħar tas-sena għal kull min jassisti u jgħin fl-operat tal-Kunsill matul is-sena. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €1,156.30. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

## 23.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**23.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta ġie approvat il-budget tal-Kunsill. Sa dakinhar l-allokazzjoni finanzjarja ma kinitx għadha ġiet ippubblikata iżda kienet saret biss kalkulazzjoni fuq l-allokazzjoni tas-sena 2025 b'żieda ta' 5%. Issa li ħarġet iċ-ċirkulari marbuta mal-allokazzjoni finanzjarja spjega li bejn dak li kkalkula l-Kunsill u dak li se ningħataw mill-Gvern hemm żieda ta' €22,313. Għalhekk il-budget rivedut se jkun qed jinkludi din is-somma. Semma wkoll li l-pjan tal-proġett tal-Qajjenza kien pjanat li jibda f'Novembru ħalli sa Diċembru jkunu ġew koperti l-ewwel pagamenti wara li tkellmu mal-accountant, però dan mhux se jkun possibbli billi kien hemm xi sfidi żgħar ta' meta se jibda x-xogħol u għalhekk dan mhux se jkun qed jitħallas parti minnu f'Diċembru. Għalhekk il-pagament se jitħallas kollu s-sena d-dieħla u jrid ikun parti mill-budget tas-sena d-dieħla. Il-budget rivedut ġie approvat unanimament.

**23.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri informa li ġiet rilaxxata l-ittra lill-kuntrattur tal-car park tal-Freeport fejn tispjega li t-tender ġie dikjarat null. Se nistennew bl-eżitu tar-risposta lura.

**23.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li qed nistennew numru ta' risposti relatati max-xogħlijiet li qed isiru f'Birżebbuġa mill-WSC, liema xogħlijiet jinkludu l-qlugħ tal-promenade tax-xatt ta' San Ġorġ u x-xogħlijiet li ssemmew biex isiru fi Triq Żaren Dalli. Huwa semma li bagħat email uffiċjali lis-CEO tal-WSC, fejn se ssir laqgħa miegħu għall-bidu ta' Jannar. Is-Sindku Scott Camilleri informa li se jkun qed jaġġorna lill-kunsilliera bid-data skedata.

**23.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-ġimgħa l-oħra saret laqgħa mal-kuntrattur li se jkun qed jibda x-xogħlijiet fl-eks sit tal-gass fil-Qajjenza. Minn informazzjoni li hemm, ix-xogħlijiet huma pjanati li jibdew f'Jannar u se jkunu qed jaħdmu fis-sit dirett. Il-vetturi u l-inġenji se jkunu qed jidħlu minn mal-front sabiex ikun hemm inqas inkonvenjenza fuq ir-residenti. Semma wkoll li se jintramaw 6 tower cranes fis-sit stess u milli jidher hemm xi agreement fil-proċess mal-Enemalta biex ikunu jistgħu jgħaddu mis-sit tagħhom stess ħalli jkunu jistgħu jaħdmu. Il-proġett huwa stmat li se jieħu 3 snin u l-ewwel binja li se titla' hija d-dar tal-anzjani. Is-Sindku Scott Camilleri semma wkoll li fi Triq l-Għannejja, fejn kien hemm qisu sqaq, se jibqa' passaġġ komunali u se jkun hemm bħal pocket garden li se jkun parti mid-dar tal-anzjani. Semma wkoll li staqsa dwar il-waste plan relatat mal-blokok. Mill-aspett tal-anzjani, il-kuntrattur huwa privat, iżda peress li l-blokok huma residenzjali u ma kinux inklużi fit-tender reġjonali. Għalhekk, sakemm ikun hemm aġġornament min-naħa tar-Reġjun biex jinkludu dawn iż-żewġ blokok residenzjali, dawn milli jidher għandhom communal agreement li għandhom skips interni fil-garaxxijiet u joħorġu l-boroż taż-żibel skont l-iskeda ħalli ma jitħalliex żibel barra.

**23.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jagħti aġġornament rigward il-capacity planning. Il-Kunsillier Karel Zahra qal li bdiet il-ħidma mal-konsulent ambjentali u x-xogħol inqasam f'numru ta' fażijiet. Għalissa l-ewwel fażi hija l-mapping tal-boundaries tal-local plan fejn fih hemm iż-żoni kollha li jistgħu jiġu mibnija biex b'hekk inkunu nafu x'żoni hemm li mhumiex mibnija u li jidħlu fil-local plan. L-idea hija li kull żona li għadha ħadra u qiegħda fil-local plan li tista' tinbena se niċċekkjaw jekk hijiex art pubblika jew privata. Jekk hija art pubblika se nipprovaw għad-devoluzzjoni tagħha.

## 23.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**23.05.01** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar il-bins tar-riċiklaġġ fi Triq FM Ferretti. Huwa xtaq ikun jaf meta l-Kunsill Lokali biħsiebu jneħħi jew jirriloka dawn il-bins wara diversi lmenti mir-residenti tal-inħawi li joqogħdu ħdejn dawn il-bins tar-riċiklaġġ. Huwa jemmen li l-post tagħhom bħalissa m'għadux jagħmel sens għax dawn ġew litteralment taħt il-gallariji tan-nies. Barra minn hekk, hemm ukoll l-inkonvenjent tar-riħa, ħsejjes, u fatturi oħrajn li qed jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja tar-resident. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li fis-seduta ta' Marzu 2025 (punt 12.04.08) tqajjem l-ewwel punt fejn kellna nibagħtu lil GreenPak. Ir-risposta lura kienet ġiet diskussa fis-seduta ta' Lulju 2025 (punt 17.06.03), fejn ġie spjegat li GreenPak jistgħu jitolbu post alternattiv, jew jekk il-Kunsill irid li jitneħħew għalkollox trid issir dikjarazzjoni mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn tgħid li l-Kunsill Lokali huwa lest jikser id-direttiva tal-liġi għax ma jridx dan l-obbligu. Il-Kunsill approva spazju fi Triq il-Qajjenza (ħdejn l-eks impjant tal-gass). Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti qablu li nibagħtu korrispondenza lil GreenPak sabiex nipproponu li dawn jiġu allokati fejn l-eks

impjant tal-gass, fejn hemm il-binja tal-water. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jibgħat talba uffiċjali b'din il-proposta lil Greenpak.

**23.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit u l-konsulent tat-tenders is-Sur Chris Falzon.*

**23.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Novembru 2025.

**23.06.02** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit semmiet li l-kuntrattur tal-ġonna se jkun qed jitnaqqaslu l-ammont mill-pagamenti billi dan mhux qed jimxi mar-regoli tat-tender. Hija spjegat li, fuq parir legali mill-avukat tal-Kunsill, il-Kunsill jista' jwaħħal penali sa massimu ta' 20% fuq kull pagament. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li nagħtu ċans ta' xahar/xahrejn sabiex il-kuntrattur jirranġa s-sitwazzjoni u jekk dan jibqa' ma jirranġax, il-Kunsill jieħu deċiżjoni oħra.

*Hawnhekk ingħaqad il-Kunsillier Johann Borg.*

**23.06.03** Is-Sur Chris Falzon ta spjegazzjoni fuq it-tenders li hemm bħalissa: tal-accountant, tal-perit, u tal-bandli. Rigward it-tender tal-accountant, il-Kunsill qed jitlob li jiġu dedikati minimu ta' 20 siegħa fix-xahar u li minn tal-inqas 10 sigħat minnhom iridu jkunu mill-uffiċċju tal-Kunsill. Min-naħa l-oħra, l-accountant irid jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fix-xogħol tiegħu fejn jidħlu l-accounts tal-Kunsill, kif ukoll jassisti qabel u waqt li l-Kunsill ikollu l-awdituri preżenti, fost oħrajn. Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit infurmat lis-Sur Chris Falzon sabiex f'paġna 4 jniżżel li l-estimated procurement ikun ta' €13,000 fis-sena inkluż il-VAT. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa jekk hux possibbli ssir ukoll intervista. Is-Sur Falzon spjega li l-proċedura tat-tender ma ttikx il-possibbiltà li ssir intervista fuq it-tender billi dan huwa fuq prezzijiet u jekk il-persuna hijiex eliġibbli. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk tistax issir kriterja fit-tender li titlob esperjenza fil-kunsilli. Is-Sur Falzon wieġeb li mhijiex possibbli għaliex huwa tender ta' inqas minn €500,000. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan it-tender.

**23.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lis-Sur Chris Falzon jekk, skont it-tender, il-perit hux se jitħallas ukoll bir-rata ta' kull proġett, apparti r-rata kull siegħa. Is-Sur Chris Falzon spjega li fil-BOQ se jkollhom ir-rati kollha li jistgħu jmissu magħhom. Is-Sindku Scott Camilleri spjega li r-raġuni għal din il-mistoqsija kienet billi kien qed ikun hemm problemi fejn il-perit imqabbad mill-Kunsill kien qed jittiħidlu x-xogħol mill-periti tal-Gvern. Is-Sur Chris Falzon ħa nota ta' dan sabiex jiċċekkja. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan it-tender.

**23.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri spjega li t-titjib tal-bandli, li kellhom isiru bħala Kunsill, saru. Huwa talab lis-Sur Chris Falzon sabiex jekk hu possibbli jżid focus fuq materjal magħmul mill-plastic jew pvc minħabba l-elementi, kif ukoll issir manutenzjoni ta' rutina kull 6 xhur, fejn il-kuntrattur għandu jinfurmana qabel jagħmel it-tiswijiet. Dawn iż-żewġ punti għandhom jiżdiedu f'dan it-tender tal-bandli. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan it-tender.

## 23.07 Korrispondenza

**23.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li lbieraħ irċieva telefonata mill-PWD fejn il-Kunsill intalab jaġġorna l-firma relatata mar-rilaxxament tad-Development Planning Funds għat-tisħin tal-pixxina tal-water polo. Huwa nnota problema żgħira. Fl-agreement li ngħata lbieraħ għall-firem innota li l-ammont tela' għal €354,000. Fl-2020 il-Kunsill qabel fuq l-ammont ta' €264,000 u mhux €354,000. Għalhekk, ma ffirmax qabel ma kkonsulta mal-kunsilliera. Huwa talab kjarifika mingħand is-Sur Stephen Bonello, id-direttur ġenerali tal-PWD, kif ukoll mingħand il-Perit Frans Mallia min-naħa tal-PA, li jamministra dan il-fond tad-DPF. Is-Sur Stephen Bonello spjegalu li dik kienet stima u t-tender ġie iktar għoli. Is-Sindku Scott Camilleri semma li minħabba din il-problema se jintmiss il-fond li hemm allokat għaċ-ċentru ċiviku s-sena d-dieħla. Is-Sindku Scott Camilleri propona li jintuża fond tal-NGOs biex b'hekk ma jintmessx il-fond li hemm allokat għaċ-ċentru ċiviku. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-bidla. Se tintalab laqgħa għal ma' BASC.

**23.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna email mingħand il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea rigward każ ta' environmental permit li qed isegwi sabiex il-kuntrattur li jiġbor il-WEEE u l-iskart goff ikabbar l-operat tiegħu. Dan qiegħed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel sottomissjoni ta' interess ħalli ntellgħu l-każ mal-ERA. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din is-sottomissjoni ta' interess.

**23.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza sabiex persuna jibda joffri servizz ta' kiri ta' jet skis, kayaks, canoes, paddle boats, etċ. fis-sajf minn fuq il-bajja. Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li l-liġi 441.071 tal-2007, il-Kunsill huwa limitat u jemmen li l-Kunsill m'għandu qatt jagħti permessi relatati ma' dawn l-affarijiet ladarba l-Kunsill m'għandux dħul u kontroll fuq is-sitwazzjoni sakemm ma jkunx hemm concession agreement. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' din it-talba.

**23.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza għal talba biex jintrama trakk tal-ikel fil-parti fejn kienu jarmaw il-karavans fil-Qajjenza. Is-Sindku Scott Camilleri kwota l-liġi fejn sa issa l-Kunsill m'għandux kontroll legali biex jinħarġu dawn it-tip ta' permessi. B'hekk il-Kunsill ma jistax jagħti permessi relatati.

**23.07.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li daqt se jkun hemm l-attività Rigal bi Mħabba organizzata minn Dr Lydia Abela u l-Kunsill qabel li jinħareġ poster għal din l-attività u min jixtieq ikun parteċipi għandu jħalli r-rigal fl-uffiċini tal-Kunsill.

**23.07.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret li nhar it-3 ta' Frar l-Eks Sindku s-Sur Joseph Farrugia 'ir-Riki' se jagħlaq l-ewwel anniversarju mill-mewt tiegħu u għalhekk il-kunsilliera qablu li ssir quddiesa f'dik il-ġurnata għall-memorja tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jikkomunika mal-kappillan.

## 23.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**23.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjoni.

## 23.09 Performance Bonus Appraisals għas-sena 2025

*Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ħareġ mis-seduta sabiex il-kunsilliera jiddiskutu u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-performance bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati. Wara ftit minuti daħal lura fil-kamra u s-seduta tkompliet.*

**23.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat li l-kunsilliera preżenti kollha qablu li:

- is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jingħata l-massimu ta' 10%
- id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tingħata l-massimu ta' 10%
- l-impjegati kollha tal-uffiċċju jingħataw il-massimu ta' 10%

**23.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, f'isem il-ħaddiema kollha, irringrazzja lis-Sindku u l-kunsilliera kollha li dejjem japprezzaw ix-xogħol li jagħmlu l-ħaddiema.

**23.09.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-performance bonus tal-ħaddiema assenjati hu ta' €4,368.27. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan l-ammont.

## 23.10 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**23.10.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li għandha kunflitt t'interess f'pagament numru 42.

*Petty cash:*

**23.10.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 23.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**23.11.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:25 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 3 ta' Diċembru 2025, fis-19:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 20 ta' Jannar 2026.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |